MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 1009/2006

**Joachim Camilleri, John Baptist Camilleri, Joseph Camilleri, Rocco Camilleri, Anthony Camilleri, Michael Camilleri, Rita Zammit mart Joseph, Salvina Camilleri, Theresa Camilleri, Marianne Attard mart Anthony, Emanuela sive Lily Sant mart Mario lkoll ulied il-mejtin Francesco u Evangelista Camilleri, Reuben Camilleri, Elaine Camilleri, Rodianne Camilleri, Loreta Camilleri ghan-nom u fl-interess tal-minuri Evelyn Camilleri bis-sahha ta’ digriet tal-Qorti Civili, Sekond’Awla numru 1046/99, ilkoll ulied il-mejjet Carmelo Camilleri u l-istess Loreta Camilleri armla ta’ Carmelo ghal kull interess li jista’ jkollha**

**Vs**

**Ray Gatt ghan-nom ta’ Gatt, Galea & Co u b’nota prezentata fit-28 ta’ Frar 2012 assuma l-atti ghan-nom ta’ MGI Malta fil-kwalita taghha ta’ Kontrollur tal-Bank**

**of Industry, Commerce and Agriculture Limited, Universal Investment Co Limited u Hugo Pace & Sons Limited**

Permezz ta' din l-kawza l-atturi qeghdin jitolbu:-

1. Dikjarazzjoni li Francesco u Evangelista konjugi Camilleri kellhom l-intenzjoni li jiddepozitaw mal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited jew sussidjarji Universal Investment Company Limited u Hugo Pace & Sons Lmited, fl-ammont komplessiv ta' tmint elef sitt mija u hames liri Maltin (Lm8,605).
2. Dikjarazzjoni li l-atturi huma kredituri tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u/jew is-sussidjarji fl-ammont ta' Lm8,605.
3. Tikkundanna lill-intimat nomine biex ihallas is-somma ta' Lm8,605 bl-imghax bir-rata ta' 8% sad-data tal-hlas.

L-atturi jsostnu li l-awturi taghhom, Francesco u Evangelista konjugi Camilleri, kienu nvestew flus f'kontijiet bearer mal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u/jew sussidjarji taghha. Ighidu li l-intenzjoni tas-successuri taghhom kienet dejjem li jiddepozitaw flushom mal-bank u mhux ma' socjeta ohra, u lanqas li jaghtu b'self lill-ahwa Pace.

Fil-15 ta' Novembru 2006 il-konvenut nomine wiegeb li:-

1. Il-kontrollur tas-socjetajiet konvenuti mhux Raymond Gatt izda Gatt, Galea & Co.
2. Il-bank konvenut ma jismux Bank of Industry and Agriculture Limited imma Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited[1].

[1] L-ewwel zewg eccezzjonjiet kienu jirreferu ghal min kien il-Kontrollur, u li l-bank kien jismu Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited. Eccezzjonijiet li gew sorvolati (ara verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2007).

3. Jekk l-ammont kien gie depozitat, dan inghata personalment lil Cecil Pace u jew huh Henry Pace u mhux lill-kumpanniji intimati.

Permezz ta’ nota prezentata fit-28 ta’ Frar 2012, il-Kontrollur saret MGI Malta wara li Gatt, Galea & Co giet amalgamata ma’ MGI Malta.

Tressqu biss provi mill-atturi:-

i. Affidavit ta’ Joachim Camilleri, John Baptist Camilleri u Rita Zammit, ulied Francesco u Evangelista konjugi Camilleri. Fil-qosor dawn qalu li missierhom kien jiddepozita flus fil-BICAL, u meta kien inqala’ l-inkwiet kien inghata kambjali, kopja ta’ liema giet esebita.

ii. Kambjali li jgibu d-data:-

(a) 29 ta’ Awissu 1972 ghas-somma ta’ Lm5,992.55c iffirmata minn C. Pace u mmaturat fid-29 ta’ Jannar 1973.
(b) tlett kambjali datati 29 ta’ Lulju 1970 ghas-somma ta’ Lm600, Lm200, u Lm300, iffirmati ghan-nom ta’ Hugo Pace & Sons Ltd.

iii. Ktieb dwar investiment (kont numru 739) li sa 4 ta’ Dicembru 1964 kien fis-somma ta’ 1,498.16 ma’ Universal Investment Company Ltd, u li jidher li kien xi investiment bearer.

Mid-deposizzjoni ta’ Raymond Gatt, seduta tat-30 ta’ Jannar 2012, irrizulta li hu u d-ditta Gatt, Galea & Co m’ghandhomx x’jaqsmu mal-kumpannija Hugo Pace & Sons Ltd; *“fir-rigward tal-kumpannija [H]ugo Pace & Sons Ltd qatt ma kellna dan l-inkarigu. L-inkarigu tad-ditta kien b’effett tal-1 ta’ Jannar 2003, liema inkarigu ghadu fis-sehh sal-gurnata tal-lum. In-nomina kienet giet jew jew kien hemm avviz li deher fil-gazzetta tal-gvern, b’appointment li hareg mill-Malta Financial & Services Authority. Ma ghandi l-ebda informazzjoni dwar [H]ugo Pace & Sons Ltd, naf li tezisti. Sa fejn naf jien din il-kumpanija qieghda fi stralc u wkoll bhala stralcarju hemm Malcolm Pace.”* (seduta tat-30 ta’ Jannar 2012). Fir-

rigward ta’ din il-kumpannija, il-kambjali fihom data ta’ hrug meta kien ghadu ma nqalghax l-inkwiet tal-BICAL. Ghal dak li jirrigwarda l-investiment ma’ Universal Investment Company Limited, irrizulta li din qeghda fi stralc u Raymond Gatt hu l-istralcarju (ara avviz numru 326 pubblikat fil-gazzetta tal-gvern bid-data tal-10 ta’ April 2006). Mir-records li ghandu l-istralcarju hemm indikazzjoni li l-investiment li kellhom il-konjugi Camilleri ma’ Universal Investment Company Limited, hu registrat mal-istralcarju. Madankollu meta ghandek kumpannija li qeghda fi stralc, il-qorti ma tistax taghti precedenza lil xi kreditur. Hekk tkun qeghda taghmel jekk kellha tikkundanna lill-istralcarju biex ihallas lill-kreditur. Il-qorti ser tillimita ruhha biss biex tirrikonoxxi li l-atturi, bhala werrieta tal-genituri taghhom, huma kredituri ghas-somma ta’ tlett elef erbgha mija u disgha u tmenin ewro u erbghin centezmu (€3,489.40). L-isfortuna hi li jidher li m’hemmx x’jaghmel tajjeb[2].

Fir-rigward tal-kambjala datata 29 ta’ Awissu 1972 li mmaturat fid-29 ta’ Jannar 1973 mahruga favur Frangisk u Evangelista Camilleri ghas-somma ta’ Lm5,992.55, il-qorti m’hijiex sodisfatta li din hi prova sodisfacenti li l-konjugi Camilleri kellhom depoziti fil-BICAL. Ma tressaq l-ebda dokument li jaghti prova li kien hemm kont bankarju mal-Bank of Industry Agriculture Limited. Jidher ukoll li l-konjugi Camilleri m’humiex registrati mal-kontrollur bhala kredituri tal-bank. Konkluzjoni li qeghda tasal ghaliha meta tqies li filwaqt li l-kredituri diga’ rcevew hlas, ma jirrizultax li l-atturi jew l-awturi taghhom ircevew xi hlas. Ghalkemm Joachim Camilleri, iben il-konjugi Camilleri, xehed li missieru *“kemm-il darba kien ighidli li c-cedoli ghandna niehdu hsiebhom ghax dawk ic-cedoli huma l-prova li huwa kellu d-depoziti mal-BICAL”*, il-qorti ma taqbilx ma’ din il-verzjoni. Il-qorti ma tistax tibbaza d-decizjoni fuq x’setghet kienet l-intenzjoni tal-konjugi Camilleri. Id-dokumenti li pprezentaw l-atturi huma biss prova li Camilleri kienu kredituri tal-persuni li assumew l-obbligi, cjoe’ Cecil Pace u Hugo Pace & Sons Ltd u xejn iktar.

---

[2] *“Jidhirli li l-Universal Investment Co Ltd, kienet investment Company, kumpannija li ma ghandha assolutament xejn. M’hemmx assi. Telf biss hemm.”* (seduta tat-30/1/2012).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija:-**

1. **Tikkonferma li l-atturi huma kredituri tal-kumpannija Universal Investment Company Limited fis-somma ta' tlett elef erbgha mija u disgha u tmenin ewro u erbghin centezmu (€3,489.40), b'dan li peress li din il-kumpannija qeghda fi stralc ma tistax tilqa' t-talba biex l-istralcarju jigi kundannat ihallas is-somma, in kwantu jrid jigi evitat li xi kreditur jinghata xi preferenza fuq kreditur iehor.**
2. **Ghal dak li jirrigwarda l-kumpannija Hugo Pace & Sons Ltd tiddikjara li MGI Malta giet imharrka hazin ghaliex m'hijiex kontrollur tal-istess kumpannija u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju. Fir-rigward tal-pretensjoni fil-konfront ta' Bank of Industry & Commerce Agriculture Limited, tiddikjara li l-atturi ma tawx prova sodisfacenti li l-awturi taghhom kellhom investiment mal-imsemmi bank. Ghalhekk tichad it-talbiet tal-atturi**.

**Spejjez a karigu tal-atturi**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------